

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/520**tal-24 ta' Marzu 2021****li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 120(1) u l-Artikolu 120(2)(c), (d) u (f) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' traċċabbiltà tal-annimali terrestri miżmuma u l-prodotti ġerminali u jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni f'dak ir-rigward.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035⁽²⁾ jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 billi jipprovdi regoli dettaljati dwar it-traċċabbiltà ta' annimali terrestri miżmuma u bajd għat-tifqis.
- (3) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi fl-Unjoni tar-regoli dwar it-traċċabbiltà stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429 u fir-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, jenħtieġ li jiġu adottati ċerti regoli permezz ta' dan ir-Regolament.
- (4) L-Artikoli 112, 113 u 115 tar-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxu obbligi għall-operaturi li jżommu annimali ta' speċijiet bovini, ovini, kaprini u porċini biex jittrażmettu informazzjoni relatata mal-annimali tagħhom fil-bażijiet tad-*data* kompjuterizzati stabbiliti skont l-Artikolu 109(1) ta' dak ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li l-aġġornamenti kollha jiġu trażmessi b'mod regolari lil dawk il-bażijiet tad-*data*, jeħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu speċifikati l-iskadenzi għat-trażmissjoni ta' dik l-informazzjoni.
- (5) Barra minn hekk, l-informazzjoni trażmessa mill-operaturi ta' annimali bovini, ovini, kaprini u porċini miżmuma jenħtieġ li tkun aċċessibbli għalihom fir-rigward tal-annimali tagħhom u l-istabbilimenti tagħhom wara t-trażmissjoni. Ir-regoli għal aċċess uniformi għad-*data* li tinsab fil-bażijiet tad-*data* kompjuterizzati stabbiliti skont l-Artikolu 109(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 jenħtieġ għalhekk li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (6) Barra minn hekk, ċerti dettalji u formati tekniċi u operazzjonali oħra tal-bażijiet tad-*data* kompjuterizzati għall-annimali bovini, ovini, kaprini u porċini miżmuma jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll f'dan ir-Regolament sabiex tiġi żgurata kwalità komparabbli tal-bażijiet tad-*data* madwar l-Unjoni.
- (7) Skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 110(1)(b) u fil-punt (b) tal-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2016/429, l-iskambju ta' *data* elettronika bejn l-Istati Membri jista' jissostitwixxi l-ħruġ ta' dokumenti tal-identifikazzjoni għall-annimali bovini meta dawk l-annimali jiġu mċaqalqa bejn l-Istati Membri. Il-protokoll BOVEX, stabbilit mill-Kummissjoni, huwa mfassal għall-iskambju ta' *data* elettronika bejn bażijiet tad-*data* kompjuterizzati tal-Istati Membri fir-rigward tal-annimali bovini. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrikonxxi l-operabbiltà sħiħa ta' dawk l-iskambji ta' *data* elettronika bejn bażijiet tad-*data* kompjuterizzati tal-Istati Membri skont dan il-protokoll.

⁽¹⁾ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 tat-28 ta' Ġunju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-istabbilimenti li jżommu l-annimali terrestri u l-imfaqas, u t-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 115).

- (8) Filwaqt li l-mezzi ta' identifikazzjoni li għandhom jintużaw għal diversi speċijiet ta' annimali terrestri, b'mod partikolari l-annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma u l-psittacidae, huma stabbiliti mir-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal dawn il-mezzi ta' identifikazzjoni jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (9) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 jistabbilixxi rekwiżiti għall-identifikazzjoni elettronika ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma u l-psittacidae. Dawn l-identifikaturi elettroniċi jenħtieġ li jiġu approvati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jinżammu l-annimali. Sabiex tiġi żgurata l-leġġibbiltà ta' dawk l-identifikaturi elettroniċi meta l-annimali jiġu mċaqalqa bejn l-Istati Membri, ir-regoli u l-kundizzjonijiet li taħtom l-awtorità kompetenti tista' tapprova dawn l-identifikaturi elettroniċi jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawk l-approvazzjonijiet jenħtieġ li jqisu wkoll l-istandards ISO/IEC rilevanti.
- (10) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà fl-Unjoni kollha, il-perjodi għall-applikazzjoni tal-mezzi ta' identifikazzjoni għall-annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma u l-psittacidae jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (11) Sad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429, ir-regoli tal-Unjoni dwar it-traċċabbiltà jinkludu diversi eżenzjonijiet mis-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni fir-rigward ta' xi kategoriji ta' annimali, bħall-annimali miżmuma f'kundizzjonijiet estensivi. Huwa xieraq li dawk ir-regoli jiġu riveduti u li jiġi applikat approċċ bilanċjat u armonizzat għall-eżenzjonijiet mis-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni, filwaqt li jitqiesu r-riskji rilevanti minn naħa waħda u l-proporzjonalità u l-effiċjenza tal-miżuri min-naħa l-oħra. Għalhekk, f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ġodda li jirriflettu dan l-approċċ.
- (12) Huwa essenzjali li tiġi ppreservata t-traċċabbiltà sħiħa tal-annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma u tal-psittacidae fi kwalunkwe ħin u li tiġi evitata kwalunkwe operazzjoni li tista' tipperikola t-traċċabbiltà. It-tneħħijiet, il-modifiki u s-sostituzzjonijiet tal-mezzi ta' identifikazzjoni huma operazzjonijiet li jstgħu jipperikolaw it-traċċabbiltà. Għalhekk dawk l-operazzjonijiet għandhom jitwettqu biss wara li l-awtorità kompetenti tkun tat permess lill-operaturi biex jagħmlu dan. Ċerti regoli dwar it-tneħħijiet, il-modifiki u s-sostituzzjonijiet huma stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2019/2035. Huma meħtieġa dispożizzjonijiet addizzjonali għal dawk l-operazzjonijiet biex jiġu indirizzati aspetti speċifiċi, inklużi l-iskadenzi ta' dawk l-operazzjonijiet, u jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (13) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-qafas legali l-ġdid, jenħtieġ li l-operaturi fl-Istati Membri jkunu f'pożizzjoni li jkomplu jużaw il-mezzi ta' identifikazzjoni approvati qabel il-21 ta' April 2021 skont ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 (⁴) u d-Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE (⁵), kif ukoll l-atti adottati abbażi ta' dawk ir-Regolamenti u dik id-Direttiva għal perjodu tranżitorju li ma jaqbiżx sentejn mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (14) Billi r-Regolament (UE) 2016/429 japplika b'effett mill-21 ta' April 2021, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll minn dik id-data.
- (15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttiva 92/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).

⁽⁵⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer (ĠU L 213, 8.8.2008, p. 31).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw:

- (1) l-iskadenzi għat-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-operaturi għar-reġistrazzjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini u porċini miżmuma f'bażijiet tad-*data* kompjuterizzati;
- (2) aċċess uniformi għad-*data* li tinsab fil-bażijiet tad-*data* kompjuterizzati ta' annimali bovini, ovini, kaprini u porċini miżmuma u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u r-regoli operazzjonali ta' tali bażijiet tad-*data*;
- (3) il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tekniċi għall-iskambju ta' *data* elettronika fir-rigward ta' annimali bovini miżmuma bejn il-bażijiet tad-*data* kompjuterizzati tal-Istati Membri u r-rikonoxximent tal-operabbiltà sħiħa ta' sistema ta' skambju ta' *data*;
- (4) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-formati u d-disinn għall-mezzi ta' identifikazzjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma;
- (5) ir-rekwiżiti tekniċi għall-mezzi ta' identifikazzjoni tal-psittacidae miżmuma;
- (6) il-perjodi ta' żmien għall-applikazzjoni ta' mezzi ta' identifikazzjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma li twieldu fl-Unjoni jew wara li daww l-annimali jkunu daħlu fl-Unjoni;
- (7) il-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini, kamelidi u ċervidi miżmuma;
- (8) it-tneħħija, il-modifika u s-sostituzzjoni ta' mezzi ta' identifikazzjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma u l-iskadenzi għal tali operazzjonijiet;
- (9) miżuri tranżitorji dwar l-approvazzjoni ta' mezzi ta' identifikazzjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu applikati d-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.

Kapitolu 2

Bażijiet tad-Data Kompjuterizzati

Artikolu 3

Skadenzi u proċeduri għat-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-operaturi għar-reġistrazzjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini u porċini miżmuma

1. L-operaturi li jżommu annimali bovini, ovini, kaprini u porċini għandhom jittrażmettu l-informazzjoni dwar movimenti, twelid u mwiet imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2016/429 u dwar movimenti msemmija fl-Artikolu 113(1)(c) ta' dak ir-Regolament u fil-punt (b) tal-Artikolu 56 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 għar-reġistrazzjoni fil-bażijiet tad-*data* kompjuterizzati stabbiliti għal daww l-ispeċijiet f'perjodu ta' żmien għat-trażmissjoni li għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri. Il-perjodu ta' żmien massimu biex tiġi trażmessa l-informazzjoni ma għandux jaqbeż 7 ijiem wara l-moviment, it-twelid jew il-mewt tal-annimali, kif applikabbli.

2. Fil-każ ta' twelid, meta jiddeterminaw il-perjodu ta' żmien massimu għat-trażmissjoni tal-informazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-data meta l-mezz ta' identifikazzjoni jiġi applikat għall-annimal bħala l-punt tat-tluq tal-perjodu ta' żmien ikkonċernat, sakemm ma jkunx hemm riskju ta' konfużjoni bejn din id-data u d-data tat-twelid tal-annimal.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tista' testendi l-perjodu ta' żmien massimu biex tittrażmetti l-informazzjoni dwar il-movimenti msemmija fil-paragrafu 1 sa 14-il jum wara l-movimenti ta' annimali bovini fl-istess Stat Membru minn stabbilimenti tal-oriġini għal stabbilimenti tal-mergħat reġistrati li jinsabu f'żoni muntanjużi għar-ragħa. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li taċċetta listi tal-annimali bovini soġġetti għal movimenti lejn stabbilimenti tal-mergħat reġistrati mill-operaturi ta' dawk l-istabbilimenti. Dawk il-listi għandhom jinkludu:

- (a) in-numru ta' reġistrazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-mergħat reġistrat;
- (b) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimali;
- (c) in-numru ta' reġistrazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-oriġini;
- (d) id-data tal-wasla tal-annimali fl-istabbiliment tal-mergħa rreġistrat;
- (e) id-data stmata tat-tluq tal-annimali mill-istabbiliment tal-mergħat reġistrat.

Artikolu 4

Aċċess uniformi għad-data li tinsab fil-bażijiet tad-data kompjuterizzati ta' annimali bovini, ovini, kaprini u porċini miżmuma

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi li jżommu annimali bovini, ovini, kaprini u porċini jkollhom, fuq talba tagħhom u mingħajr ħlas, mill-inqas aċċess ta' qari biss għal minimu ta' informazzjoni relatata mal-istabbilimenti tagħhom li tinsab fil-bażijiet tad-data kompjuterizzati msemmija fl-Artikolu 109(1)(a) sa (c) tar-Regolament (UE) 2016/429.

Artikolu 5

Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-bażijiet tad-data kompjuterizzati ta' annimali bovini, ovini, kaprini u porċini miżmuma

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bażijiet tad-data kompjuterizzati ta' annimali bovini, ovini, kaprini u porċini miżmuma msemmija fl-Artikolu 109(1)(a) sa (c) tar-Regolament (UE) 2016/429 huma stabbiliti b'tali mod li l-informazzjoni reġistrata f'dawk il-bażijiet tad-data tkun tista' tiġi skambjata bejn bażijiet tad-data kompjuterizzati tal-Istati Membri fil-format stabbilit fit-tielet kolonna tat-tabella fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Regoli operazzjonali ta' bażijiet tad-data kompjuterizzati ta' annimali bovini, ovini, kaprini u porċini miżmuma

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jiżguraw li l-bażijiet tad-data kompjuterizzati tal-annimali bovini, ovini, kaprini u porċini miżmuma msemmija fl-Artikolu 109(1)(a) sa (c) tar-Regolament (UE) 2016/429 ikomplu joperaw quddiem xkiel potenzjali. Dawk il-miżuri għandhom jiggarrantixxu wkoll is-sigurtà, l-integrità u l-awtentiċità tal-informazzjoni reġistrata f'tali bażijiet tad-data.

Artikolu 7

Kundizzjonijiet u modalitajiet tekniċi għall-iskambju elettroniku ta' data dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni fir-rigward ta' annimali bovini miżmuma bejn il-bażijiet tad-data kompjuterizzati tal-Istati Membri

1. Meta l-Istati Membri jiskambjaw b'mod elettroniku ma' Stati Membri oħra data dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni fir-rigward ta' annimali bovini miżmuma msemmija fil-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 44 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, dik id-data għandha tiġi skambjata fil-format tad-Definizzjoni tal-Iskema XML magħmula disponibbli mill-Kummissjoni lill-awtorità kompetenti.

2. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini tal-annimali bovini miżmuma maħsuba biex jiġu mċaqaqlqa għandha tiżgura li *d-data* dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni tiġi trażmessa b'mod elettroniku lill-Istat Membru tad-destinazzjoni qabel it-tluq tal-annimali, u li tiġi pprovduta kronogramma ma' kull trażmissjoni.

Artikolu 8

Rikonoxximent tal-operabbiltà sħiħa ta' sistema għall-iskambju elettroniku ta' data dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni fir-rigward ta' annimali bovini miżmuma bejn il-bażijiet tad-data kompjuterizzati tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri li jiskambjaw b'mod elettroniku *data* dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni permezz ta' sistema stabbilita mill-Kummissjoni u mfassla għall-iskambju ta' *data* fir-rigward ta' annimali bovini miżmuma bejn il-bażijiet tad-*data* kompjuterizzati tal-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti bħala li għandhom sistema ta' operabbiltà sħiħa.
2. Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi u tippublika fuq is-sit web tagħha l-lista tal-Istati Membri li jiskambjaw *data* dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni permezz ta' dik is-sistema.

KAPITOLU 3

MEZZI TA' IDENTIFIKAZZJONI

Artikolu 9

Speċifikazzjonijiet tekniċi, formati u disinn għall-mezzi ta' identifikazzjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma

1. L-awtorità kompetenti għandha tapprova biss l-użu ta' ċombiet tal-widna konvenzjonali jew ta' faxex tal-pastur konvenzjonali msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 bħala mezz ta' identifikazzjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma, jekk daww il-mezzi ta' identifikazzjoni jissodisfaw l-ispeċifikazzjoni teknika stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.
2. L-awtorità kompetenti għandha tapprova biss l-użu ta' tattoos imsemmija fil-punt (g) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 bħala mezz ta' identifikazzjoni ta' annimali ovini, kaprini, porċini u ċervidi miżmuma, kif previst fl-Artikolu 46(2) u (3) u fl-Artikoli 52(1)(b), 73(2)(c) u 76(1)(c) ta' dak ir-Regolament Delegat, jekk daww it-tattoos jiżguraw marki li ma jitħassrux u li jkunu jistgħu jinqraw kif xieraq.
3. L-awtorità kompetenti għandha tapprova biss l-użu ta' identifikaturi elettroniċi msemmija fil-punti (c) sa (f) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 bħala mezz ta' identifikazzjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma, jekk daww il-mezzi ta' identifikazzjoni jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-identifikaturi elettroniċi msemmija fil-punti (c) u (f) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 għandhom jissodisfaw l-ispeċifikazzjoni teknika stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.
4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti tista' tapprova l-użu ta' ċombiet tal-widna elettroniċi bħala mezz ta' identifikazzjoni ta' annimali porċini miżmuma, jekk daww il-mezzi ta' identifikazzjoni jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti mill-Istat Membru fejn jinżammu l-annimali porċini, u juru b'mod viżibbli, leġibbli u li ma jitħassrux in-numru ta' reġistrazzjoni uniku ta':
 - (a) l-istabiliment tat-twelid tal-annimali; jew
 - (b) l-aħħar stabiliment tal-katina tal-provvista msemmija fl-Artikolu 53 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, meta daww l-annimali jiġu mċaqaqlqa lejn stabiliment barra minn dik il-katina tal-provvista.

*Artikolu 10***Speċifikazzjonijiet tekniċi, formati u disinn għall-mezzi ta' identifikazzjoni tal-psittacidae miżmuma**

1. L-operaturi li jżommu l-psittacidae għandhom jiżguraw li:
 - (a) iċ-ċurkett fis-sieq imsemmi fl-Artikolu 76(1)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
 - (b) it-tattoo msemmi fl-Artikolu 76(1)(c) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 jiżgura marka li ma titħassarx u li tkun tista' tinqara kif xieraq.
2. L-awtorità kompetenti għandha tapprova biss l-użu ta' transponders injettabbli msemija fl-Artikolu 76(1)(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 bħala mezz ta' identifikazzjoni ta' psittacidae miżmuma, jekk dawk il-mezzi ta' identifikazzjoni jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fil-punt 2 tal-Parti 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 11***Regoli operazzjonali għall-approvazzjoni ta' identifikaturi elettroniċi ta' animali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma u l-psittacidae**

1. Meta tagħti l-approvazzjoni tal-identifikaturi elettroniċi msemija fil-punti (c) sa (f) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 ta' animali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma u psittacidae, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-manifatturi tal-identifikaturi elettroniċi jkunu pprovdew evidenza li t-testijiet tal-konformità u tal-prestazzjoni msemija fil-punt 4 tal-Parti 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament ikunu saru f'ċentri ta' testjar akkreditati skont l-istandard ISO/IEC 17025 "Rekwiżiti ġenerali għall-kompetenza tal-laboratorji tal-ittestjar u tal-kalibrazzjoni".
2. Meta tagħti l-approvazzjoni tal-identifikaturi elettroniċi msemija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ li l-manifatturi tal-identifikaturi elettroniċi japplikaw testijiet addizzjonali għal robustezza u reżistenza biex jiżguraw il-funzjonalità tagħhom skont il-kundizzjonijiet ġeografiċi jew klimatiki speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat skont l-istandards stabbiliti minn dak l-Istat Membru.

*Artikolu 12***Konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' animali bovini, ovini, kaprini, kamelidi u ċervidi miżmuma**

Il-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' animali bovini, ovini, kaprini, kamelidi u ċervidi miżmuma għandu jkun kif ġej:

- (a) l-ewwel element tal-kodiċi ta' identifikazzjoni għandu jkun il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru fejn il-mezz ta' identifikazzjoni jkun ġie applikat għall-ewwel darba għall-animali, fil-format ta':
 - (i) il-kodiċi b'żewġ ittri skont l-istandard ISO 3166-1 alfa-2, ħliet għall-Greċja, li għaliha għandu jintuża l-kodiċi b'żewġ ittri "EL"; jew
 - (ii) il-kodiċi tal-pajjiż bi tliet ċifri skont l-istandard ISO 3166-1 numeriku;
- (b) it-tieni element tal-kodiċi ta' identifikazzjoni għandu jkun kodiċi uniku għal kull animal li ma jaqbiżx it-12-il karattru numeriku.

*Artikolu 13***Perjodi ta' żmien għall-applikazzjoni ta' mezzi ta' identifikazzjoni ta' animali bovini miżmuma**

1. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-mezzi ta' identifikazzjoni msemija fil-punt (a) tal-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2016/429 jiġu applikati għall-animali bovini miżmuma qabel ma jiskadi perjodu ta' żmien massimu wara t-twelid, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru li fih ikunu twieldu l-animali. Il-perjodu ta' żmien massimu għandu jiġi kkalkulat mid-data tat-twelid tal-animali u ma għandux jaqbeż 20 jum.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi biex jestendu l-perjodu ta' żmien massimu għall-applikazzjoni tat-tieni mezz ta' identifikazzjoni sa 60 jum, wara d-data tat-twelid tal-annimali, għal raġunijiet relatati mal-iżvilupp fiżjoloġiku tal-annimali, jekk it-tieni mezz ta' identifikazzjoni huwa bolus ruminali.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi biex jestendu l-perjodu ta' żmien massimu msemmi fil-paragrafu 1 sa 9 xhur, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-annimali:

- (i) jkunu mrobbija f'kundizzjonijiet estensivi, bl-għoġġiela jibqgħu ma' ommhom;
- (ii) ma jkunux imdorrija jkollhom kuntatt regolari mal-bnedmin;

(b) iż-żona fejn jinżammu l-annimali, tiżgura livell għoli ta' iżolament tal-annimali;

(c) l-estensjoni ma tikkompromettix it-traċċabbiltà tal-annimali.

L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu l-awtorizzazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għal reġjuni ġeografiċi partikolari jew għal speċijiet jew razzez speċifiċi ta' annimali bovini miżmuma.

4. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-ebda animal bovin miżmum ma jħalli l-istabbiliment tat-twelid sakemm ma jkunux ġew applikati l-mezzi ta' identifikazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2016/429 għal dawk l-annimali.

Artikolu 14

Perjodi ta' żmien għall-applikazzjoni ta' mezzi ta' identifikazzjoni ta' annimali ovini u kaprini miżmuma

1. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-mezzi ta' identifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 113(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429 jiġu applikati għall-annimali ovini u kaprini miżmuma qabel ma jiskadi perjodu ta' żmien massimu wara t-twelid, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru li fih ikunu twieldu l-annimali. Il-perjodu ta' żmien massimu għandu jiġi kkalkulat mid-data tat-twelid tal-annimali u ma għandux jaqbeż 9 xhur.

2. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-ebda animal ovin jew kaprin miżmum ma jħalli l-istabbiliment tat-twelid sakemm ma jkunux ġew applikati l-mezzi ta' identifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 113(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429 għal dawk l-annimali.

Artikolu 15

Perjodi ta' żmien għall-applikazzjoni ta' mezzi ta' identifikazzjoni ta' annimali porċini miżmuma

1. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-mezzi ta' identifikazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 115 tar-Regolament (UE) 2016/429 jiġu applikati għall-annimali porċini miżmuma qabel ma jiskadi perjodu ta' żmien massimu wara t-twelid, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru li fih ikunu twieldu l-annimali. Il-perjodu ta' żmien massimu għandu jiġi kkalkulat mid-data tat-twelid tal-annimali u ma għandux jaqbeż 9 xhur.

2. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-ebda animal porċin miżmum ma jħalli l-istabbiliment tat-twelid jew joħroġ mill-katina tal-provvista sakemm ma jkunux ġew applikati l-mezzi ta' identifikazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 115 tar-Regolament (UE) 2016/429 għal dawk l-annimali.

Artikolu 16

Perjodi ta' żmien għall-applikazzjoni ta' mezzi ta' identifikazzjoni ta' annimali kamelidi u ċervidi miżmuma

1. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-mezzi ta' identifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 73(1) u (2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 jiġu applikati għall-annimali kamelidi u ċervidi miżmuma qabel ma jiskadi perjodu ta' żmien massimu wara t-twelid, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru li fih ikunu twieldu l-annimali. Il-perjodu ta' żmien massimu għandu jiġi kkalkulat mid-data tat-twelid tal-annimali u ma għandux jaqbeż 9 xhur.

2. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-ebda annimal kamelid jew ċervid miżmum ma jħalli l-istabbiliment tat-twelid jew l-istabbiliment tal-ewwel wasla jekk dak l-annimal ikun ġie mċaqlaq lejn dak l-istabbiliment mill-habitat fejn ikun qaġhad bħala annimal selvaġġ, sakemm il-mezzi ta' identifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 73(1) u (2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 ma jkunux ġew applikati għal dawk l-annimali.

3. L-awtorità kompetenti tista' teżenta lill-operaturi li jżommu r-renni mir-reqwiziti fil-paragrafi 1 u 2, sakemm l-eżenzjoni ma tikkompromettix it-traċċabbiltà tal-annimali.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-operaturi li jżommu annimali ċervidi mir-reqwiziti fil-paragrafu 1, skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-annimali:

(i) jkunu mrobbija f'kundizzjonijiet estensivi;

(ii) ma jkunux imdorrija jkollhom kuntatt regolari mal-bnedmin;

(b) iż-żona fejn jinżammu l-annimali, tiżgura livell għoli ta' iżolament tal-annimali;

(c) l-eżenzjoni ma tikkompromettix it-traċċabbiltà tal-annimali.

Artikolu 17

Perjodi ta' żmien għall-applikazzjoni ta' mezzi ta' identifikazzjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma wara d-dħul tagħhom fl-Unjoni

1. Wara d-dħul fl-Unjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma u fejn dawk l-annimali jibqgħu fl-Unjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li l-mezzi ta' identifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 81 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 jiġu applikati għal dawk l-annimali fi żmien 20 jum mill-wasla tagħhom fl-istabbiliment tal-ewwel wasla.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri tal-ewwel wasla jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi biex jestendu l-perjodu ta' żmien massimu għall-applikazzjoni tat-tieni mezz ta' identifikazzjoni sa 60 jum, wara d-data tat-twelid tal-annimali, għal raġunijiet relatati mal-iżvilupp fiżjoloġiku tal-annimali, jekk it-tieni mezz ta' identifikazzjoni jkun bolus ruminali.

3. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-ebda annimal bovin, ovin, kaprin, porċin, kamelid jew ċervid ma jħalli l-istabbiliment tal-ewwel wasla sakemm ma jkunux ġew applikati l-mezzi ta' identifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 81 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 għal dawk l-annimali.

Artikolu 18

It-tneħħija u l-modifika ta' mezzi ta' identifikazzjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma

L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza biss lill-operaturi biex ineħħu jew jimmodifikaw il-mezzi ta' identifikazzjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma jekk it-tneħħija jew il-modifika ma tikkompromettix it-traċċabbiltà tal-annimali, inkluża t-traċċabbiltà tal-istabbiliment li fih ikunu twieldu, u jekk l-identifikazzjoni individwali tal-annimali, jekk applikabbli, tibqa' possibbli.

Artikolu 19

Sostituzzjoni ta' mezzi ta' identifikazzjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma u skadenzi għal tali operazzjonijiet

1. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza biss lill-operaturi biex jissostitwixxu l-mezzi ta' identifikazzjoni ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma jekk is-sostituzzjoni ma tikkompromettix it-traċċabbiltà tal-annimali, inkluża t-traċċabbiltà tal-istabbiliment li fih ikunu twieldu, u jekk l-identifikazzjoni individwali tal-annimali, jekk applikabbli, tibqa' possibbli.

2. Is-sostituzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi awtorizzata kif ġej:
 - (a) meta l-annimali jkunu ġew identifikati b'żewġ mezzi ta' identifikazzjoni u wieħed minn daww il-mezzi ta' identifikazzjoni jkun sar illeġibbli jew ikun intilef, sakemm il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimali jibqa' l-istess u jkompli jaqbel mal-kodiċi dwar il-mezzi ta' identifikazzjoni li jifdal;
 - (b) meta l-annimali jkunu ġew identifikati b'mezz wieħed jew tnejn ta' identifikazzjoni li juru l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimali u daww il-mezzi ta' identifikazzjoni jkunu saru illeġibbli jew ikunu ntilfu, sakemm jibqa' possibbli li jiġi ddeterminat il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimali b'ċertezza raġonevoli u l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimali jibqa' l-istess;
 - (c) meta annimali ovinu, kaprini jew porċini miżmuma jkunu ġew identifikati permezz ta' mezz ta' identifikazzjoni li juri n-numru ta' reġistrazzjoni uniku ta' stabbiliment u dak il-mezz ta' identifikazzjoni jkun sar illeġibbli jew ikun intilef, sakemm jibqa' possibbli li jiġi ddeterminat b'ċertezza raġonevoli l-istabbiliment tat-twelid tal-annimali jew, jekk applikabbli, l-aħħar stabbiliment tal-katina tal-provvista, u li l-mezz ta' identifikazzjoni ta' sostituzzjoni juri n-numru ta' reġistrazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment jew, jekk applikabbli, dak l-aħħar stabbiliment.
 - (d) fil-każ ta' annimali ovinu u kaprini miżmuma, tista' tiġi awtorizzata s-sostituzzjoni tal-mezzi ta' identifikazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) b'mezzi ġodda ta' identifikazzjoni li juru kodiċi ta' identifikazzjoni ġdid, sakemm it-traċċabbiltà ma tiġix kompromessa.
3. Is-sostituzzjoni tal-mezzi ta' identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir malajr kemm jista' jkun u qabel ma jiskadi perjodu ta' żmien massimu, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun awtorizzata lill-operaturi biex jissostitwixxu l-mezzi ta' identifikazzjoni, u qabel ma l-annimali jiġu mċaqalqa lejn stabbiliment ieħor.
4. Meta l-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' annimali bovini, ovinu, kaprini u porċini miżmuma li jidher fuq il-mezz ta' identifikazzjoni msemmi fil-punti (a) u (b) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 ma jkunx jista' jiġi riprodott fuq identifikatur elettroniku minħabba limitazzjonijiet tekniċi, l-awtorità kompetenti għandha tippermetti biss l-applikazzjoni ta' identifikatur elettroniku ġdid li juri kodiċi ta' identifikazzjoni ġdid għal daww l-annimali, jekk iż-żewġ kodiċijiet ta' identifikazzjoni jiġu rreġistrati fil-bażijiet tad-data kompjuterizzati msemmija fl-Artikolu 109(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.

KAPITOLU 4

DISPOŻIZZJONIJET TRANŻIZZJONALI U FINALI

Artikolu 20

Miżuri tranżitorji rigward l-approvazzjonijiet ta' mezzi ta' identifikazzjoni

B'deroga mill-Artikoli 9, 10 u 11 ta' dan ir-Regolament, għal perjodu tranżitorju li jintemm fl-20 ta' April 2023, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw il-mezzi ta' identifikazzjoni approvati qabel il-21 ta' April 2021 skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1760/2000 u (KE) Nru 21/2004 u d-Direttiva 2008/71/KE, kif ukoll l-atti adottati abbażi ta' daww ir-Regolamenti u dik id-Direttiva.

Artikolu 21

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

**Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-formati tal-informazzjoni fil-bażijiet tad-data kompjuterizzati tal-
animali bovini, ovini, kaprini u porċini miżmuma**

Tip ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Format
Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-animall	Kodiċi tal-pajjiż	Waħda mill-għażliet li ġejjin: Kodiċi bl-ittri: Kodiċi tal-ISO 3166-1 alpha-2 ⁽¹⁾ Kodiċi numeriku: Kodiċi numeriku tal-ISO 3166-1
	Kodiċi uniku għal kull animall	12-il karattru numeriku
Identifikatur elettroniku (fakultattiv)		Waħda mill-għażliet li ġejjin: — Ċomba tal-widna elektronika — Bolus ruminali — Transponder injettabbli — Faxxa tal-pastur elektronika
Numru ta' reġistrazzjoni uniku tal-istabbiliment		Kodiċi tal-pajjiż segwit minn 12-il karattru alfanumeriku
Isem l-operatur tal-istabbiliment		140 karattru alfanumeriku
L-indirizz tal-operatur tal-istabbiliment	Isem it-triq u n-numru tad-dar	140 karattru alfanumeriku
	Kodiċi postali	10 karattru alfanumeriċi
	Belt	35 karattru alfanumeriku
Data		Data (SSSS-XX-JJ)
Għadd totali ta' animal		15-il karattru numeriku

⁽¹⁾ Ħlief fil-każ tal-Greċja, fejn għandu jintuża l-kodiċi biż-żewġ ittri "EL".

ANNEX II

IL-PARTI 1

Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-mezzi ta' identifikazzjoni tal-annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi, ċervidi u *psittacidae* miżmuma

1. Il-mezzi tal-identifikazzjoni msemmija fil-punti (a), (b), (c), (f) u (h) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 ta' annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi, ċervidi u *psittacidae* miżmuma għandhom ikunu:
 - (a) mhux riutilizzabbli;
 - (b) magħmulin minn materjal li ma jiddegradax;
 - (c) li ma jistgħux jiġu ffalsifikati;
 - (d) jibqgħu jinqraw faċilment tul il-ħajja tal-annimali;
 - (e) magħmulin b'mod li jistgħu jibqgħu mwaħħlin mal-annimali mingħajr ma jagħmlulhom ħsara;
 - (f) jitneħħew faċilment mill-katina alimentari.
2. Il-mezzi ta' identifikazzjoni msemmija fil-punt 1 għandhom juru wieħed minn dawn l-indikazzjonijiet li ġejjin b'mod viżibbli, li jista' jinqara faċilment, u li ma jitħassar qatt:
 - (a) l-ewwel u t-tieni elementi tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 12;
 - (b) in-numru ta' reġistrazzjoni uniku tal-istabbiliment fejn jinżammu l-annimali msemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035; jew
 - (c) il-kodiċi alfanumeriku msemmi fl-Artikolu 76(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.
3. Il-mezzi ta' identifikazzjoni msemmija fil-punt 1 jista' jkun fihom informazzjoni oħra wkoll jekk dan ikun awtorizzat mill-awtorità kompetenti, u dejjem jekk il-mezz ta' identifikazzjoni jikkonforma mar-rekwiżiti tal-punt 2.

IL-PARTI 2

Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-mezzi ta' identifikazzjoni elettroniċi tal-annimali bovini, ovini, kaprini, porċini, kamelidi u ċervidi miżmuma

1. L-identifikaturi elettroniċi msemmija fil-punti (c) sa (f) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 għandhom juru l-ewwel element tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimali, din tkun it-tliet ċifri tal-kodiċi tal-pajjiż u t-tieni element fil-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 12.
2. L-identifikaturi elettroniċi msemmijin fil-punt 1 għandhom ikunu:
 - (a) transponders passivi li jinqraw biss, li jużaw it-teknoloġija HDX jew FDX-B, u li jikkonformaw mal-istandards tal-ISO 11784 u 11785; u
 - (b) li jinqraw permezz ta' apparati li jikkonformaw mal-istandard tal-ISO 11785 u li huma kapaċi jaqraw it-transponders HDX u FDX-B.
3. L-identifikaturi elettroniċi msemmija fil-punt 1 għandhom ikunu jistgħu jinqraw mid-distanzi minimi li jidhru hawn taħt:
 - (a) għall-annimali bovini miżmuma:
 - (i) 12-il ċentimetru għaċ-ċombi tal-widnejn meta jinqraw b'apparat tal-qari li jinġarr;
 - (ii) 15-il ċentimetru għat-transponders injettabbli; meta jinqraw b'apparat tal-qari li jinġarr;
 - (iii) 25 ċentimetru għall-boluses ruminali meta jinqraw b'apparat tal-qari li jinġarr;
 - (iv) 80 ċentimetru għall-identifikaturi elettroniċi kollha meta jinqraw b'apparat tal-qari stazzjonarju;

- (b) għall-annimali ovini u kaprini miżmuma:
 - (i) 12-il ċentimetru għaċ-ċombi tal-widnejn u għall-faxex tal-pastur meta jinqraw b'apparat tal-qari li jinġarr;
 - (ii) 20 ċentimetru għall-boluses ruminali u għat-trasponders injettabbli meta jinqraw b'apparat tal-qari li jinġarr;
 - (iii) 50 ċentimetru għall-identifikaturi elettroniċi kollha meta jinqraw b'apparat tal-qari stazzjonarju.
 - 4. L-identifikaturi elettroniċi msemmija fil-punt 1 għandhom ikunu ġew ittestjati u taw riżultat tajjeb rigward:
 - (a) il-konformità mal-istandards tal-ISO 11784 u 11785 f'konformità mal-metodu msemmi fil-punt 7 tal-istandard tal-ISO 24631-1; u
 - (b) il-prestazzjoni minima għad-distanzi tal-qari msemmija fil-punt 3 ta' din il-Parti, f'konformità mal-metodu msemmi fil-punt 7 tal-istandard tal-ISO 24631-3.
-